MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru. 666/2010

Il-Pulizija
(Sp Edel mary Camilleri)
vs
Caydaruus Mohammed Faaduma, imwielda Mogadisho, Somalja fit-13 ta’ Jannar, 1990,Karta ta’ l-Pulizija numru 08RRR-008

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fit-30 ta’ Ġunju, 2010, kif ukoll fil-ġranet ta’ wara u fix-xhur ta’ qabel, f’Malta, tat jew ġagħlet tagħti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tagħrif ta’ fatti foloz lill-Uffiċjal ta’ l-Immigrazzjoni;
2. talli taħt l-istess ċirkostanżi għamlet falsifikazzjoni jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Lulju, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannaha għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------